**IKLIN**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 47 – IT- TNEJN 10 TA' MEJJU 2010**

Il-Kunsill iltaqgħa fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Sur Anthony Dalli | Sindku |
| | Sija. Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sur Joseph Camilleri | Kunsillier |
| | Sija. Margaret Zammit | Kunsillier |
| | Sur Nazzareno Cauchi | Kunsillier |
| | Sur Alfred Naudi | Segretarju Eżekuttiv |

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI.**

1.1. Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru sitta u erbgħin (46) kienu ntbagħtu lil kull membru tal -Kunsill minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

1.2 Il-Kunsill approva unanimament il-korrettezza tal-minuti u ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv Alfred Naudi bħala dokument korrett.

**2. KORRISPONDENZA.**

2.1. Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew inħarġet mill-uffiċċju bejn is-27 ta' April u l-10 ta ' Mejju 2010.

2.2. Il-Kunsillier Ronald Cauchi staqsa fuq il-korrispondenza Nru. 1136/10. Talba mingħand l-Awditur tal-Kuntrattur tal-Ġbir ta' l-Iskart biex il-Kunsill Lokali jiddikjara jekk kellux kontijiet pendenti sa l-aħħar tas-sena.

2.3. Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 1161/10. Hi kienet staqsiet jekk hemx permess fuq PA 02687/07 għaliex dan beda jibni. Is-Segretarju ġab konferma mingħand il-Konsulent tal-Kunsill dwar il-Mepa, fejn dan ikkonferma li l-applikant ghandu l-permessi meħtieġa biex jibda jibni.

2.4 Il-Kunsillier Ronald Cauchi staqsa fuq il-korrispondenza Nru.1210 /10. Talba mingħand resident ta' Triq Ħwawar biex Il-Kunsill ipoġġi Warden biex jikkontrolla aħjar it-trakkijiet li jgħaddu mill-aktar parti dejqa ta' din it-triq.

2.5 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 1224/10. Il-Kulleġġ Santa Tereża talab għajnuna fl-organizzazjoni tal-Maratona mingħand il-Kunsill Lokali. Il-Kunsill ikkonferma li hu sejjer jipparteċipa. Il-Kunsilliera huma mistiedna.

2.6 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 1258/10. Il-Kunsill Lokali rċieva kopja ta' ittra li bagħat resident lill-Awtorita' Trasport Malta fuq is-sinjal isfar li sar fi Pjazza Ninu Cremona wara l-Knisja.

2.7 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 1263/10. Il-Ministeru tal-Infrastruttura rċieva kopja ta' ittra li bagħtna lit-Trasport Malta dwar is-sinjali sofor u parking bays fi Triq Pawlu Grech.

2.8 Is-Sindku Anthony Dalli irrefera għall-korrispondenza Nru. 1173/10 dwar rapport li bagħat il-Kunsill Lokali lill-Pulizija dwar 'dumping' fi Triq Erin Serracino Inglott fil-parti ta' fuq. Hu xtaq jirringrazzja li l-Korp tal-Pulizija tal-azzjoni immedjata li ħadu għaliex dan tneħħa ma' l-ewwel investigazzjoni.

2.9 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 1185/10. Din kienet risposta mill-Kunsill Lokali fejn ikkonferma li l-Wi-fi Access Point ġdid għandu jsir fis-Sala tal-Kunsill Lokali fi Triq Lewis F. Mizzi biex jintlaħaq minn ħafna residenti.

Doc. A u B anness

**3. ILMENTI.**

3.1 Ġiet ippreżentata l-lista ta' ilmenti bejn s-27 ta' April u l-10 ta' Mejju 2010, kif tidher annessa bħala dokument C.

3.2 Rigward ilment Nru. 28/04-1 dwar vetturi li qed jipparkjaw ġo kaxxa safra quddiem residenza fi Triq Ġużeppi Calleja. Il-Kunsill sejjer jara jekk din il-kaxxa hijiex qiegħda sew.

3.3 Rigward proposta Nru. 29/04-1 biex jitqiegħed skip mal - Bring-In site għal qxur tal -frott uħaxix. Dan il -materjal irid jinġabar ma’ l-iskart domestiku skond il-proċeduri tal-Awtorita’.

3.4 Rigward ilment Nru. 03/05-1 biex issir xi ħaġa fi Triq Karmenu Vassallo minħabba trakkijiet kbar li qed jipparkjaw barra u qed jkunu ta’ inkonvenjenza għar -residenti. Il-Kunsill sejjer jinvestiga dan l-ilment.

3.5 Rigward rapport Nru. 123928 dwar ħafna ġrieden li qed jiġru fi Triq Guże` Galea; il-Kunsill ċempel lil tas-Sanita’ biex jitfgħu il-velenu.

3.6 Rigward talba Nru. 05/05/1 biex issir tabella fi Triq Guże` Galea faċċata ta’ Triq Ċensu Busuttil li turi li t-triq hija ‘two-way’;Il-Kunsill Lokali kien qed jippjana u jiddiskuti biex Triq Ċensu Busuttil issir ‘one-way ‘ ‘il fuq.

3.7 Rigward rapport Nru. 123951 dwar leakage ta’ l-ilma quddiem nru. 16 Triq Ġuże` Ellul Mercer; dan ir-rapport ilu jsir għal ħafna ġimgħat, iżda kull darba li jiġu tal-Korporazzjoni, jagħmlu tiswija ta’ malajr u wara ftit jerġa jibda ħireġ l-ilma.
Għaldaqstant il-Kunsill sejjer iċempel direttament lill-forman biex jieħu passi hu darba ta’ dejjem.

3.8 Rigward ilment Nru 06/05-1 li fi Triq Geronimo Abos qed jipparkjaw Land Rovers il-ġurnata kollha taħt it-tabelli tal-ħin; il-Kunsill sejjer jibgħat il-Wardens biex jissorveljaw din it-triq.

3.9 Rigward ilment 06/05-2 li fi Triq Geronimo Abos qed jgħaddu trakkijiet u Coaches meta hemm it-tabellai tal-Heavy Vehicles. Il-Kunsill sejjer jibgħat il-Wardens biex jissorveljaw din it-triq.

3.10 Rigward ilment Nru. 07/05-1 li vetturi fi Triq Dwardu Cachia qed jipparkjaw fil-kaxxa safra quddiem id-dar u l-garaxx ta’ residenta peress li hemm linja safra tul il-garaxxijiet kollha; il-kunsill sejjer jinvestiga dan il-kaz u jara x’jista’ jsir.

3.11 Rigward talba Nru. 10/05-1 biex jinqata’ l-ħaxix ta’ l-isqaq li jagħti għal-kamra tan-nar ta’ San Mikiel; il-Kunsill diġa ħa passi u avża lill-kuntrattur biex jieħu passi.

3.12 Rigward talba Nru. 10/05-2 biex titranġa l-bankina ta’ madwar Pjazza Ninu Cremona madwar is-Siġar. Il-Kunsill Lokali ħa nota u din issir aktar ‘il quddiem.

3.13 Rigward talba Nru. 10/05-3 biex jinżabru s-siġar ta' Pjazza Ninu Cremona n-naħa t'isfel; il-Kunsill sejjer jitlob lill-Agrikultura biex dawn jinżabru.

3.14 Rigward talba Nru. 10/05-4 biex issir il-bankina fi Triq il-Wied in-naħa ta' fuq. Din qiegħda fil-proġett ta' Central Strip ta' Triq Ħwawar kantuniera ma' din it-triq. U rigward talba għal-'zebra-crossing'; din qed tiġi studjata mill-Kunsill.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET U NFIQ IEĦOR.

4.1 Is-Segretarju ressaq lista ta' kredituri kif tidher annessa f'dokument immarkat D.

4.2 Is-Sindku Anthony Dalli 'mbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa. Issekondah il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo u wara kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

## 5. MATERJI KONNESSI MA' L-AWTORITA' TA' L-IPPJANAR.

5.1 Il-Kunsillier Margaret Zammit għaddiet it-tagħrif dwar il-kontenut ta' l-applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet li ttieħdu fl-Awtorita' ta' l-Ippjanar mill-aħħar laqgħa tal-kunsill.

5.2 Dwar PA 04046/09. 2, Maranta, Triq Dun Karm c/w Triq Geronimo Abos. Tibdil ta' l-użu minn residenza għal-Hanut klassi 4 ( art gallery) L-applikazzjoni ġiet differita.

5.3 Dwar PA 00661/10. Sit fi Triq Għarghur. Tiġdid tal-permess PA 3378/05. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi approvata.

5.4 Dwar PA 03279/05. Biex jinbena mill-ġdid kumpless kummerċjali J.B. House, fi Triq l-Klin u dar, minflok jinbena kumpless ieħor kummerċjali, parkeġġ taħt u appartamenti fuqhom. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi approvata.

5.5 Dwar PA 05995/07. Xwieki Farm, Ix-Xwieki. Biex jiġu approvati strutturi addiżjonali tal-permess PA 4271/81. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

5.6 Dwar PA 04377/09. Fiorentina, Triq in-Namur. Alterazzjonijiet u bini addizzjonali. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

5.7 Kien hemm applikazzjonijiet ġodda:
PA 01668/10. Bdil tal-ġeneru minn garaxx għal kiri ta' vetturi u twaħħil ta' tabella. No.9, Triq Richard Taylor.
PA 01250/1. Biex tinħatt dar u bini ta' semi-basement garaxx, maisonette u żewġ appartamenti. Forita, No. 105, Triq Dun Karm.

5.8 Kien hemm talba mingħand il-konsulent tagħna biex nagħmlu oġġezzjoni fuq l-applikazzjoni PA 01250/10. Fiorita, No. 105, Triq Dun Karm.

5.9 Fuq talba tal-Kunsillier Margaret Zammit fejn waqt l-aħħar seduta hi staqsiet fuq il-permess Nru.02687/07 tal-Keramit Bathroom Centre għaliex jidher li dan beda bix-xogħlijiet meta għadu ma' nħariġġx il-permess.

5.10 Wara lis-Segretarju talab lil-Konsulent tagħna jinvestiga dan il-permess, il-Konsulent ikkonferma li kien ħareġ il-permess fis-7 ta' Jannar 2010.

## 6. RENDIKONT TAS-SURVEY BINI TAL-UFFIĊĊJU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI.

6.1 Is-Sindku Anthony Dalli talab lis-Segretarju joħroġ mill-envelope il-karti li kienu ntefgħu fi tmiem il-ġimgħa mir-residenti waqt il-Konsultazzjoni Pubblika u ma' dawn żied ftit oħra li kienu tpoġġew fuq il-mejda minn residenta waqt il-laqgħa.

6.2 Is-Sindku poġġa t-timbru bid-data ta' dak in-nhar u tahom numru. B'kollox kien hemm 29 suġġeriment. Hu qal li aktar il-quddiem issir evalwazzjoni tagħhom kollha wara li dawn is-suġġerimenti jitqiegħdu fuq 'spread-sheet' u jiġu diskussi mal-Konsulenti tal-Kunsill.

## 7. JUM L-IKLIN

7.1 Is-Sindku Anthony Dalli qal li l-preparazzjonijiet għal Jum L-Iklin għadhom għaddejjin kif kienu imħabbra fil-laqgha Nru. 45 tat-12 ta' April.

7.2 Il-programm dettaljat joħroġ iżjed 'il quddiem.

## 8. APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT AMMINISTRATTIV 2009.

8.1 Is-Sindku Anthony Dalli ippreżenta r-Rapport ‘Draft’ li kien ipprepara s-Segretarju.

8.2 Is-Sur Dalli qal li dan ir-rapport kien jikkonsisti fuq introduzzjoni minnu, ir-Rapport Finanzarju mis-Segretarju għas-sena 2009, l-Estimi Annwali għas-sena 2010, ir-rapport tal-Awdituri għas-sena 2009, minbarra ħafna ritratti fuq ix-xogħlijiet li saru mill-Kunsill Lokali s-sena l-oħra.

8.3 Waqt lis-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi mistoqsijiet, dan ir-Rapport għadda għall-approvazzjoni.

8.4 Kulħadd ikkonfermah u dan għadda unanimament.

## 9. ĠUDIKAZZJONI TAT-TENDER 1/10 – MANTENIMENT U KISI TA’ TOROQ.

9.1 Is-Sindku Anthony Dalli ippreżenta skeda tal-offerti li ġew ippreżentati għal dan it-Tender kif jidher hawn taħt (Dok E anness)

| | |
|---|---|
| 1. Road Servicing Ltd | €43092.05 |
| 2. Asfaltar Construction Ltd | €38445.00 |
| 3. Vella Group Ltd | €38221.20 |
| 4. Schembri Infrastructure Ltd | €50866.25 |
| 5. Polidano Bros. Ltd | €35637.23 |
| 6. Bonnici Bros. Ltd | €38929.65 |

9.2 Wara diskussjoni mill-Kunsilliera, u wara li ġew esklużi Tenderers li fl-opinjoni tal-Kunsill ma’ kienux vantaġġjużi, il-Kunsill Lokali wasal għal-konklużjoni li jagħżel lil-Bonnici Bros.Ltd.
Dan għandu esperjenza vasta f’dawn ix-xogħlijiet ta’ toroq u barra minhekk, ħadem ma’ ħafna Kunsill Lokali li xi ftit jew wisq għandhom l-istess bżonnijiet bħal tagħna.

9.3 Il-Kunsill għadda għal vot biex japprova din l-għażla fejn il-Kunsilliera qablu unanimament li jintgħażel dan it-Tenderer.

9.4 Għaldaqstant il-Kunsill Lokali sejjer jinforma lill-Offerenti kollha b’din id-deċiżjoni.

**10. KUMNIKAZZJONI MIS-SINDKU.**

10.1 Is-Sur Dalli qara ittra li rċevejna mingħand it-Trasport Malta datata l-4 ta' Mejju 2010 dwar talba tal-Kunsill biex Triq il-Mużika issir 'one-way' il-barra minn Triq in-Naxxar.

10.2 Il-proposta tal-Kunsill Lokali ġiet approvata u l-Awtorita' spejgat fl-ittra tagħha fejn għandhom isiru t-tabelli meħtieġa.

10.3 Għaldaqstant il-Kunsill sejjer jgħaddi biex jordna t-tabelli skond kif ġie ordnat u dawn jitwaħħlu hekk kif jitlestew.

10.4 Irrefera wkoll għall-ittra li rċieva l-Kunsill mingħand il-Lija/ Iklin Football Youth Nursery biex jorganizzaw il-"Presentation Night" ta' l- 'end-of-year season'.

10.05 Bħal m'għamel kull sena, in-Nursery sejjer jorganizza din l-attivita' bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali fejn il-Kunsilliera preżenti qablu li l-Kunsill jieħu ħsieb ix-xiri taż-żewġ plakki u trophies tal-ħġieġ għas-somma ta' €139.24.

**11. AĠĠORNAMENT.**

11.1 Peress li ma' kienx hemm iżjed x'niddiskutu, l-laqgha ġiet fi tmiemha fis-6.45pm u kien hemm ftehim li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 24 ta' Mejju 2010 fil- 5.30pm.

10.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt il-laqgħa tal-Kunsill tat-Tnejn 24 ta' Mejju 2010 fil-5.30pm.

**Anthony Dalli**
Sindku

**Alfred Naudi**
Segretarju Eżekuttiv